Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 344/2014

Il-Pulizja

Vs

Anthony Caruana

Illum 17 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Anthony Caruana, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 825156M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:
F'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta` Dicembru tas-sena 2004 u fix-xhur ta` qabel, f'San Gwann u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Immanifattura jew ipproduca apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

2. Qassam apparat mhux lecitu gewwa Malta jew minn Malta ghal finijiet kummercjali;

3. Biegh jew kera apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

4. Kellu apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;
5. Installa, ghamel manutenzjoni fuq, jew irrimpjazza apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali;

6. Kummercjalment ippromwova, qieghed fis-suq jew irriklama apparat mhux lecitu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-29 ta' Lulju, 2014, fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni prelminari tad-difiza u tenniet l-principju tan-*ne bis in idem*.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-19 ta' Awwissu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-Liġi jew alternattivament terġa tibgħat lura l-atti ta' dawn il-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tkompli tinstemgħa l-kawża skont il-Liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħatax (2014), l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawza odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti manifestament ghamlet enucjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata ta' l-ipoteżi tal-liġi.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jrrigwarda l-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellat a bażi tal-priċipju tan-*ne bis in idem*. Fis-sentenza a fol 231 l-Qorti

qalet li *"d-difiża eċċepiet preliminarjament in-ne bis in idem stante illi l-imputat kien ġie akkużat preċedentament f'dina l-istess identika akkuża minn liema huwa kien ġie liberat u l-kawża għaddiet in ġudikat"*. Hawnhekk l-esponent jinsab perpless b'din il-konklużjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti stante li ma hemm l-ebda evidenza fl-atti ta' dan il-każ li d-difiża kienet f'xi stadju jew ieħor issollevat l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem.

Min analiżi tal-proċess filfatt jirriżulta li d-difiża ma qajjmitx din l-eċċezzjoni la preliminarjament u lanqas f'xi stadju ieħor qabel is-sentenza. Inoltre jekk wieħed janalizza n-nota ta' sottomissjonijiet tal-1 ta' Ottubru 2012[1] kif ukoll in-nota risponsiva tat-12 ta' Novembru 2013[2] tal-appellat jirriżulta illi m'hemm lanqas l-iċken ħjiel li d-difiża qed tissolleva jew kienet issollevat l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem. Illi kwindi a kuntrarju ta' dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza, in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża ma s-sollevatx u ma sostniet l-ebda eċċezzjoni tan-ne bis in idem. In-nota ta' sottomissjonijiet issolevat l-punt li qabel ma ttieħdu l-istqarrijiet, l-appellat ma ingħatax il-jedd li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu, stante li dak iż-żmien li ttieħdu l-istqarrijiet u cioe' fl-2004 u fl-2005, tali jedd kien għadu ma jeżistix fil-Liġi nostrana.

Illi huwa inkonċepibbli li l-Qorti tqajjem din l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem ġaladarba ma tqajjmitx mid-difiża u inoltre ma hemm l-ebda ħjiel ta' prova li l-appellat kien għadda in ġudikat fir-rigward tal-istess fatti u/jew l-istess akkużi. Infatti tul il-proċess kollhu din l-eċċezzjoni ma ssemmitx lanqas darba. Għaldaqstant huwa inverosimili ferm li l-Qorti segħtat tillibera l-appellat abbażi ta' din l-eċċezzjoni meta din ma tissussistix stante li ma tiffigura imkien fil-proċess.

Illi f'dan l-istadju l-appellant iħoss li għandu jeżamina il-ġurisprudenza nostrana li kristalizzat kif u meta tista' tiġi mqajjma din l-eċċezzjoni. Fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex tissussisti n-ne bis in idem, il-persuna trid tkun tqiegħdet taħt l-istess akkuża li fuqha diġa ġiet ġudikata (kemm jekk instabet ħatja u kemm jekk liberata) fl-ewwel proċedura, u liema akkuża allura tkun tikkonċerna l-istess fatt. Illi dawn il-

[1] Folio 99 tal-proċess.
[2] Folio 222 tal-proċess.

kweżiti ġew ormai kristallizzati fil-ġurisprudenza nostrana. Fis-sentenza Vella Francis vs Avukat Generali[3], il-Qorti qalet dan li gej:

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqis li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat, konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett; hekk, per ezempju, min f'okkazjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta' ta' haddiehor u f'okkazjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata."* L-istess prinċipju ġie ripetut fis-sentenza Il-Pulizija vs Magrin Nicolai (Nicolai Christian), Prim Awla, Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, Imħallef Joseph R. Micallef, 26/03/2009.

Il-prinċipju tan-ne bis in idem jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċizjoni li tiswa (għalkemm mhux bilfors tkun wahda li fiha l-akkużat ikun instab hati) bħala ostaklu ghal proċedura dwar l-istess reat warajha. Issa Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) marret oltre minn hekk f'kaz separat fejn qalet x'ghandu jsir bil-prova tan-ne bis in idem. Mhuwiex biżżejjed li sempliċiment jsir aċċenn għall din l-eċċezzjoni, iżda jrid jinġiebu provi konkreti li jissodisfaw il-kweżiti kif esposti mill-Qrati tagħna fil-paragrafu preċedenti. Fil-każ odjern lanqas aċċenn ma sar għall din l-eċċezzjoni tul il-proċess kollhu, filwaqt li tissemma biss, unikament fis-sentenza! Il-partijiet <u>qatt</u> ma trattaw fuq din l-eċċezzjoni, lanqas qatt ma ssemmiet fis-sottomissjonijiet tagħhom u d-difiża fl-ebda stadju tal-kawża ma qajmuha.

L-ewwel Onorabbli Qorti illiberat l-appellat abbażi ta' eċċezzjoni li ma teżistix f'dawn il-proċeduri, li qatt ma ġiet pruvata u qatt ma ġiet invokata mill-partjiet, stante li ma tissusistix ġaladarba l-appellat ma ġiex ġudikat fuq l-istess reat u akkużi li joħorġu mill-istess fatt. Dwar dan il-Qorti qalet hekk: *Meta tinghata l-eccezzjoni tan-ne bis in idem l-ewwel haga li ghandha ssir hi li tigi infilzata fil-process kopja legali tas-sentenza li fuqha tkun qed tigi bbazata dik l-eccezzjoni; u ghandu jirrizulta wkoll mill-korp*

[3] Vella Francis vs Avukat Generali, Prim Awla, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, Imhallef Joseph R. Micallef – 29/09/2009.

*tas-sentenza l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti biex waslet għall-konkluzjoni li takkolji dik l-eccezzjoni.*[4] Huwa evidenti mill-proċess li ma ġiet preżentata l-ebda prova in sostenn tar-*Res Judicata*. Lanqas ma l-ewwel Onorabbli Qorti ma għamlet apprezzament fis-senteza sabiex turi kif waslet biex tieħu akkoljiment ta' dik l-eċċezzjoni. Ir-realta hi li l-Qorti qatt ma segħtat tillibera l-appellat fuq din l-eċċezzjoni ladarba ma tqajjmet fl-ebda stadju tal-proċeduri u ma hemmx provi in sostenn ta' din l-eċċezzjoni.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt, li l-ewwel Onorabbli Qorti skartat l-istqarrijiet li rrilaxxa l-appellat abbażi tal-fatt li fil-mument meta ttieħdu l-istqarrijiet, l-appellat ma kienx assistit minn avukat. Illi fl-ewwel lok l-appellant jixtieq jissottometti li l-istqarrijiet in kwistjoni ġew rilaxxati fl-4 ta' Diċembru 2004 u fis-26 ta' Frar 2005 rispettivament. Illi sussegwentament l-appellat tressaq quddiem l-onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Marzu 2007 u ż-żewġ stqarrijiet tiegħu ġew eżebiti u mmarkati bħala Dok PC2 u Dok PC3. Illi preliminarjament l-appellat qatt ma qajjem xi oġġezzjoni rigward l-istqarrijiet f'dan l-istadju. Inoltre l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fl-24 ta' Ottubru 2011 u sa dak l-istadju, l-appellat kien għadu ma qajjem l-ebda oġġezzjoni rigward il-validita' tal-istqarrijiet. Kien biss fl-istadju tal-provi difiża li l-appellat qajjem din l-allegazzjoni, preċiżament fin-nota ta' sottomissjonijiet. Huwa pjuttost kontradittorju da parti tal-appellat li ma opponiex għall preżentata tal-istqarrijiet, pero ġaladarba ħa konjizzjoni tal-provi kollha li hemm kontra tiegħu, qajjem din il-lanjanza Kostituzzjonali.

Illi l-appellant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti li tiskarta *outright* l-istqarrijiet in kwistjoni u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti li kristallizat il-pożizzjoni tal-Qrati f'dan ir-rigward. Illi fl-ewwel lok l-istqarrijiet li rrilaxxa l-appellat ittieħdu skont il-Liġi viġenti dak iż-żmien, tenut kont ukoll ta' dak li jistipola l-Artikolu 658 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandhom jitqiesu validi, ġaladarba ukoll li tali validita ġiet kontestata biss fl-istadju aħħari tal-proċeduri meta l-appellat kien jaf il-provi li kien qed jaffaċċja. Illi jrid jittieħed qies ukoll tal-fatt li fl-2004/2005 kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ l-emendi dwar id-dritt ta' konsultazzjoni ma' avukat qabel it-teħid tal-istqarrija. Dan l-Artikolu

[4] Il-Pulizija (Spt. Joseph Grech) vs Eugenio Said, Appell Kriminali (inferjuri) Imhallef Carmel A. Agius - 28/05/1993.

jistipola ukoll li dak kollhu li jistqarr l-imputat bil-miktub jew bil-fomm tista tinġieb bħala prova kontrih ġaladarba jkunu ittieħdu volontarjament, mingħajr ma l-imputat ma jkun imġiegħel, mhedded jew imwiegħed b'xi vantaġġi. Dan il-fatt qatt ma ġie kontestat mill-imputat f'dan il-każ;

Illi fis-sentenza l-ewwel Onorabbli Qorti tagħmel referenza għal kawżi ta' Salduz vs. Turkey deċiża fis-27 ta' Settembru 2008 u ta' Pulizija vs. Esron Pullicino deċiża fit-12 ta' April 2011. Huwa minnu li dawn il-kawżi stabilixxew il-jedd ta' l-imputat li għandu jkollhu aċċess għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni, madanakollu iċ-ċirkostanzi ta' l-imputati f'dawk il-każijiet kienu ferm differenti miċ-ċirkostanzi ta' l-appellat fil-każ odjern. L-appellat Anthony Caruana ċertament ma kienx minuri meta wettaq ir-reati li ġie akkużat bihom bħal ma kienu Salduz u Esron Pullicino u allura l-appellant jinsab konvint li allura żgur ma kienx f'pożizzjoni ta' persuna taħt l-eta vulnerabbli u li faċilment setgħta ġie imwebbel sabiex jinkrimina lilu nnifsu. Għaldaqstant hawnhekk għandna xenarju li ma setgħtax ikun iktar il-bogħod u differenti minn dak ta Salduz u Pullicino;

Illi l-istqarrijiet tal-appellat jinsabu ben korroborati minn provi oħra li juru li dak li stqarr l-appellat kienet il-verita u xejn iktar mill-verita. Il-prosekuzzjoni ma impernjatx il-provi tagħha fuq l-istqarrijiet biss. Hemm bosta provi oħra li jikkorroboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni, fosthom x-xhieda tas-Supretendent Paul Vassallo, PS 266 Stefan Decelis, ex-PS 498 David Agius kif ukoll bosta dokumenti in sostenn tat-teżi tal-prosekuzzjoni u li jikkorroboraw dak li stqarr l-appellat fl-istqarrijiet li rrilaxxa;

Illi meta l-provi kollha jittieħdu fl-assjem tagħhom, huwa ċar li dak li qal l-imputat fl-istqarrijiet li ttieħdulu huwa ben korroborat minn dawn il-provi l-oħra. Meta jkun hemm sitwazzjoni bħal din, allura ma jissusistix ir-riskju li persuna tkun inkriminat ruħha, minħabba l-fatt li dak li tkun stqarret ma kienitx għajr il-verita. Hawnhekk terġa tispikka d-differenza netta bejn il-każ odjern u dak ta' Salduz. Fil-każ tal-aħħar, Salduz kien immedjatament u ma' l-ewwel opportunita' li kellhu quddiem il-Qorti, ċaħad kategorikament l-ammissjoni li kien għamel quddiem il-Pulizija. Iġifieri Salduz ma l-ewwel opportunita' li kellhu ċaħad l-ammisjoni li kien għamel fl-istadju

bikri tal-investigazzjoni. L-appellat kellhu l-liberta kollha u bl-għajnuna sħiħa tal-avukat tiegħu segħta ċaħad dik l-ammissjoni li għamel u sostna mod ieħor. Kellhu l-opportunita' li joġġezzjona għal preżentata tal-istqarrijiet fl-istadju l-iktar bikri tal-proċeduri kontra tiegħu;

Illi inoltre, il-ġurisprudenza reċenti rigward l-ammissibilita' ta' l-istqarrija li tkun ittieħdet mingħajr d-dritt ta' assistenza legali turina li stqarrijiet li huma korroborati minn provi validi oħra m'għandhomx jiġu awtomatikament imwarrba għax l-imputat ma jkunx ingħata aċċess għal-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Hemm fatturi oħra li jridu jiġu konsiderati fosthom jekk l-imputat kienx persuna vulnerabbli għal ċertu pressjonijiet bħal persuni ta' taħt l-eta u jekk hemmx provi oħra li jagħtu sostenn għal veraċita ta' dak li hemm mistqarr fl-istqarrija. Kif ingħad fil-punti preċedenti l-istqarrijiet huma ben korroborati mill-provi l-oħra. Fis-sentenza ta' Salduz il-Qorti Ewropeja ma qalitx li kwalunkwe stqarrija fejn ma ingħatax id-dritt ta' assistenza legali trid tiġi bilfors skartata, iżda qalet li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni fatturi oħra qabel tittieħed id-deċiżjoni jekk tiġix skartata jew le l-istqarrija. Fatturi bħal jekk l-istqarrija kienitx waħeda l-fattur determinanti għas-sejbien ta' ħtija. F'dan il-każ ċertament li l-istqarrijiet ma humiex l-uniċi provi, iżda jiffurmaw parti mill-assjem ta' evidenza i l-prosekuzzjoni preżentat in sostenn tat-teżi tagħha. Fatturi oħra jinkludu l-vulnerabilita' tal-appellant, jekk il-provi prodotti jikkorroborawx dak li qal l-imputat fl-istqarrija u jekk l-imputat ċaħadx quddiem il-Qorti dak li sostna fl-istqarrija. Fil-każ odjern l-imputat mhuwiex persuna ta' taħt l-eta vulnerabbli u l-provi prodotti jikkorroboraw l-ammissjoni tal-appellat;

Illi l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza riċenti ta' l-Pulizija vs. Alvin Privitera li ngħatat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2013. Hawnhekk il-Qorti f'paġna 7 tas-sentenza qalet illi *"il-partijiet iddikjaraw illi l-unika prova illi kien hemm fil-konfront ta' l-appellat kienet propju l-istqarrija tiegħu u dan ġiegħel lill-Ewwel Qorti allura tasal għal-liberatorja <u>peress illi fin-nuqqas ta' provi ma kellha xejn fuq xiex torbot lill-appellat ma' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu</u>."* Din kienet ir-raġuni għaliex l-Qorti ma kkunsidratx l-istqarrija ta' l-imputat u cioe' li ma kienx hemm provi oħra li jistgħu jattestaw għal veraċita ta' dak li stqarr l-imputat u għalhekk jikkorroboraw l-istqarrija. Infatti f'paġna 8, l-Qorti kkonkludiet illi la *l-istqarrija kienet*

*l-unika prova illi l-prosekuzzjoni kellha fil-konfront ta' l-appellat, l-Ewwel Qorti segħtat raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."* Għalhekk a kuntrarju sensu, ġaladarba fil-każ odjern l-istqarrijiet huma ben korroborati bi provi oħra, dawn l-istqarrijiet ċertament li m'għandhomx jiġu skartati, speċjalment ladarba dawn waħedhom mhumiex il-fus determinanti sabiex tinstab il-ħtija fl-appellat;

Din il-linja ta' ħsieb ġiet ukoll abraċċata fis-sentenza ta' Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012. Hawnhekk il-Qorti Kostituzzjonali stabilixxiet il-kejl li jrid jintuża meta trid tiġi determinata l-ammisibilita o meno ta' l-istqarrija fil-każijiet fejn ma kienx ikun ingħata l-jedd għall aċċess għall assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Il-Qorti f'paġna 18 tas-sentenza qalet hekk: *"Fil-każ tallum l-attur kien raġel matur li ġa kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilita korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilita hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino, fejn il persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera, fejn il persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet ittmintax-il sena."*

Fl-aħħar nett l-appellant jagħmel referenza għall kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mark Lombardi[5] fejn il-Qorti osservat illi:

*"Mill-premess isegwi li l-fatt wahdu li r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu, ma jwassalx ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Biex jigi deciz jekk hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid jigi kkunsidrat l-process gudizzjarju kollu, u mhux jigu kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'. Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun il-konfessjoni tieghu fi stqarrija li hu rrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat, allura l-Qorti li tkun trid tiddecidi l-kaz, trid toqghod ferm attenta, ghax sejba ta' htija f'dawk ic-cirkostanzi jistghu jwasslu lill-Qorti tal-appell tqies dik is-sentenza bhala 'unsafe'. Min naha l-ohra, jekk htija tinsab wara process gudizzjarju li fih b'mod gust jitressqu diversi provi li, fil-kumpless taghhom u fic-cirkostanzi*

[5] Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) 9 ta' Ottubru 2009 (Ref. Kostituzzjonali Nru. 34/2009).

*kollha tal-kaz, iwassalu ghall-konvinciment ta' responsabilita' minghajr dubbju raggonevoli, ma jistax jinghad li, ghax tkun saret stqarrija meta l-imputat ma kellux assistenza legali, jkunu gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Wiehed irid iqies "the entirety of the proceedings", u mhux stadju wiehed meqjus wahdu."*

*"Kwindi ma jistax jinghad li, ghall-fatt biss li r-rikorrent irilaxxja stqarrijiet meta ma kienx assistit b'avukat ta' fiducja tieghu, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, u jekk akkuzat fi proceduri kriminali jkunx jew le inghata smiegh xieraq irid jigi ezaminat fi tmiem il-process kollu u wara li jsir ezami tal-kumpless tal-istess proceduri fittotalita' taghhom.*

F'dan il-każ il-Qorti ikkonkludiet li l-mankanza tad-dritt tal-presenza ta' avukat waqt l-interrogotorju mhux per se leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz kellu *iter processwali* piuttost twil bil-kaz jirrisali ghas-sena 2004 tant illi minn dak iz-zmien 'l hawn il-ligi li abbazi taghha inharrgu l-akkuzi fil-konfront ta'l-appellanti giet emendata estensivament sabiex jidhlu fis-sehh id-direttivi ta'l-Unjoni Ewropeja li jirregolaw is-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Madanakollu ghalkemm id-disposizzjoni tal-ligi li hija l-bazi ta'l-imputazzjonijiet f'dan il-kaz giet enumerata mill-gdid permezz ta'l-Att IX tal-2011 biex allura illum huwa l-artikolu 25 tal-Kapitolu 399 li jifforma l-bazi ta' dan il-process penali u mhux l-artikolu 27 kif kien vigenti fl-2004, l-ligi li titkellem dwar ir-reati mertu ta' dan il-kaz baqghet l-istess u ma sarux emendi ulterjuri.

Illi din is-sentenza titratta zewg eccezzjonijiet sollevati mill-appellat fis-seduta tal-05 ta' Marzu 2015, wahda marbuta ma'l-inapplikabbilita tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ghal kaz u l-ohra li titratta l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali. Dawn l-eccezzjonijiet ghalkemm sollevati issa fi stadju inoltrat ta' appell, li sar *del resto* mill-Avukat Generali u mhux mill-appellat, ser jigu ikkunsidrati minn din il-Qorti peress illi l-istess jistghu fi kwalunkwe kaz jigu sollevati mill-Qorti *ex officio* ghal kaz imressqa quddiemha ghal gudizzju taghha.

Illi l-appellat qieghed jikkontendi illi l-azzjoni penali hija preskritta fl-ewwel lok bid-dekors ta' tlett xhur a tenur tal-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali billi l-artikolu 25 gja 27 ta'l-Att jitkellem dwar kontravvenzjonijiet u mhux delitti. Illi subordinatament ghal dan l-appellat, ukoll jishaq illi anke jekk il-Qorti kellha tqies ir-reat bhala wiehed delittwali u mhux kontravvenzjonali, il-perijodu preskrittiv applikabbli ghall-azzjoni kellu ikun dak ta' sentejn a tenur ta'l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 billi l-piena stabbilita ghal ksur hija wahda ta' massimu ta' sena prigunerija.

Illi l-artikolu 25 (gja 27) tal-Kapitolu 399 jiddisponi hekk:

**Kull min –**

**(a) jimmanifattura jew jipproduċi apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew**

**(b) jimporta apparat mhux leċitu ġewwa Malta għal finijiet kummerċjali; jew**

**(ċ) iqassam apparat mhux leċitu ġewwa Malta jew minn Malta għal finijiet kummerċjali; jew**

**(d) ibigħ jew jikri apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew**

**(e) ikollu apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew**

**(f) jinstalla, jagħmel manutenzjoni fuq, jew jirrimpjazza apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew**

**(g) kummerċjalment jippromwovi, iqiegħed fis-suq jew jirreklama apparat mhux leċitu,**

**jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (23,290), jew dik il-multa u priġunerija flimkien."**

Illi fin-nota marginali taghha imbaghad din id-disposizzjoni tal-ligi tigi intestata bil-kliem "***Atti ta' kontravvenzjoni li jikkostitwixxu reat kriminali***" li maqluba fit-test ingliz taqra "***Infringing acts constituting a criminal offence***" u allura huwa bil-wisq evidenti illi hawnhekk il-ligi m'hijiex qed tikkontempla xi reat ta' natura kontravvenzjonali, kif qed tipprospetta d-difiza, iktar u iktar meta wiehed iqies illi l-

piena preskritta mhijiex dik ikkontemplata ghal kontravvenzjonijiet izda ghad-delitti billi iggorr sa massimu ta' sena prigunerija. Illi dak allura argumentat mid-difiza ta'l-appellat huwa guridikament zbaljat billi l-kelma 'kontravvenzjoni' fin-nota marginali tal-provvediment 25 ta'l-Att ma hijiex qed tirreferi ghan-natura tar-reat izda hija intiza biex taghti tifsira ta' azzjoni li tikkostitwixxi ksur (jew "*breach*" fit-test ingliz) tal-ligi.

Stabbilit ghalhekk illi r-reati li taghhom l-appellat jinsab akkuzat ma humiex ta' natura kontravvenzjonali u allura ma humiex preskrivibbli bid-dekors ta' tlett xhur mill-kummissjoni taghhom,, jifdal biex jigi ikkunsidrat jekk allura din l-azzjoni penali hijiex preskritta bid-dekors ta' sentejn u dan kif previst fl-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi tghid hekk:

**l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –**

**(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;**

Issa r-reati in dizamina igorru il-piena ta' prigunerija ghal zmien massimu ta' sena jew multa ta' €23290. Dan ifisser allura illi l-piena prevista mhijiex dik ta' inqas minn sena izda l-hati jista jehel sena prigunerija u dan billi din hija l-massimu tal-piena prevista. Illi allura, l-artikolu 688(e), ma jistax isib applikazzjoni ghal dan il-kaz. Il-perijodu tal-preskrizzjoni applikabbli hija dik prevista fl-artikolu 688(d) u cioe' ta' hames snin meta hemm dispost illi:"

**"l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -**

**(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;"**

Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali sollevata mill-appellat qed tigi respinta.

L-appellat jecepixxi ukoll l-inapplikabbilita tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dan il-kaz u dan abbazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5 ta'l-Att:

**5. (1) Dan l-Att għandu japplika għad-diversi swieq ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kemm-il darba ma jiġix xort'oħra dikjarat f'dan l-Att.**

Jikkontendi allura illi is-servizzi tat-televizjoni permezz ta' sattellita ma jaqghux tajt l-applikazzjoni tal-ligi, illi l-ligi tapplika biss ghal dawk l-entitajiet li jaghtu servizz f'Malta u mhux barra minn Malta u finalment illi l-appellat ma huwiex entita' jew kumpanija u allura l-ligi ma issibx applikazzjoni ghalih.

Illi l-istharrig tal-pulizija f'dan il-kaz kien marbut mal-uzu ta' apparat sabiex b'xi mod il-cards marbutin mas-sistema digitali tat-trasmissjoni tat-televizjoni permezz tas-satellita kienu qed jigu modifikati sabiex b'hekk il-*codes* uzati mis-*service providers* ta' dawn l-istazzjonati tat-televizjoni permezz tas-sattellita ikunu miftuha jew imgedda u dan minghajr ma isir il-hlas relattiva lil dawn is-*service providers* barranin. Billi allura ma ikunx qed isir il-hlas lil dawn is-*service providers*, l-alterazzjoni tal-cards mill-appellat sabiex jinghata access ghal dawn l-istazzjonijiet tat-televizjoni kien wiehed illegali. Illi l-Qorti ghalhekk ma tistax taqbel ma' dina l-linja difenzjonali imressqa 'il quddiem mill-appellat. Dan ghaliex fl-ewwel lok ma hemmx dubbju illi r-reat qieghed isehh hawn Malta ghalkemm il-vittma ma jinstabx Malta. Ukoll il-ligi u senjatament l-artikolu 25 ta'l-Att huwa intiz ghat-trazzin ta' attivitajiet illegali konnessi mal-uzu ta' apparat illecitu minn persuna, tkun min tkun, u dan ghal finijiet kummercjali li ghalhekk jinkludi kull tghamir jew makkinarju li huwa kontra l-ligi u dan sabiex jipprovdi servizzi ta' kommunikazzjoni, jew ahjar kif tiddefinixxi l-ligi ta' dak l-apparat illecitu li allura

**"tfisser kull tagħmir, software jew arranġament iddisinjat jew adattat sabiex jagħti aċċess f'forma inteliġibbli lil xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxu servizz protett mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-provditur tas-servizz;"**

Il-ligi tuza id-dicitura ta' "kull min" minghajr ma taghmel distinzjoni bejn persuna jew entita kummercjali u kwindi l-appellat ma jistax jahrab mis-sanzjonijiet previsti f'din il-ligi. Illi allura jekk persuna tkun qed tikkometti xi wahda mill-azzjonijiet indikati fl-artikolu 25 ta'l-Att tista' tinsab hatja ta' reat taht l-imsemmi Att.

Issa x'inhuma dawk is-servizzi inkluzi taht l-umbrella tal-Kapitolu 399? Illi l-ligi taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi servizz ta' komunikazzjoni elettronika meta jinghad:

**"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser servizz normalment provdut b'rimunerazzjoni li jkun jikkonsisti għal kollox jew prinċipalment fil-ġarr ta' sinjali fuq networks ta' komunikazzjonijiet elettronici inkluzi servizzi ta' telekomunikazzjoni u servizzi ta' trasmissjoni f'networks użati għax-xandir**."

Fil-fatt l-artikolu 25 (gja 27) ta'l-Att huwa intestat :

**"ĦARSIEN LEGALI TA' SERVIZZI BAŻATI FUQ JEW LI JIKKONSISTU FI DĦUL KONDIZZJONALI"**

fejn allura id-definizzjoni ta' access kondizzjonali hemm imfisser hekk:

**"aċċess kondizzjonali" tfisser miżuri jew arranġamenti tekniċi li jkunu jippermettu li jsir aċċess f'forma inteliġibbli, u soġġett għal awtorizzazzjoni individwali bil-quddiem, għal xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxi servizz protett;** u

**"servizz protett" tfisser xi jew kull wieħed minn dawn is-servizzi li ġejjin meta dan jiġi pprovdut bi ħlas u abbażi ta' aċċess kondizzjonali: (i) servizzi ta' programmi televiżivi; (ii) servizzi ta' xandir bir-radju inklużi programmi tar-radju intiżi li jaslu għand il-pubbliku, li jiġu trasmessi bil-fil jew mingħajr fili, inklużi dawk bis-satellita; (iii) servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni offruti b'mezzi elettroniċi, mill-bogħod u fuq talba individwali ta' min jirċievi s-servizzi jew l-għoti ta' aċċess kondizzjonali għas-servizzi ta' hawn qabel li jitqies bħala servizz fih innifsu**

Affermati allura dawn id-definizzjonijiet li taghti il-ligi ta' dak li jikkostitwixxi l-uzu illegali ta' apparat illecitu ghal fini kummercjali, ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dan il-kaz certament jinkwadraw ruhhom taht l-akkuzi prospettati kontra l-appellat.

Ghal dawn il-motivi anke dina l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellat fis-seduta tal-05 ta' Marzu 2015 u tordna l-prosegwiment tas-smigħ ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur